# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. MHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D. LL.M. (IMLI)

### Seduta ta' Nhar il-Hamis 7 ta' Lulju 2016

**Rikors Numru : 164/2016 JPG**

**Kawza Numru : 24**

**Valletta Cruise Port Plc (C26469)**

**VS**

**Ovidio Limited (C66417)**

**Il-Qorti ,**

Rat ir-rikors ta' Valletta Criuse Port Plc tat-2 ta' Marzu 2016 (a fol. 1 et seq.) li jaqra hekk:

1. *"Illi s-socjeta' konvenuta intimata ghandha thallas lis-socjeta' attrici rikorrenti s-somma ta' disgha u erbghin elf mija u tlieta u tletin Ewro u sebgha u ghoxrin centezmu (€49,133.27) liema somma tirraprezenta bilanc mhux imhallas minn prezz ta' kera u servizzi kif jidher mill-istatement tas-socjeta' attrici hawn anness bhala Dok. "A";*

2. *Illi dan id-dejn huwa cert, likwidu u dovut u ghalkemm interpellata, anke ufficjalment, is-socjeta konvenuta intimata baqghet inadempjenti;*

3. *Illi fil-fehma tas-socjeta attrici rikorrenti is-socjeta konvenuta intimata m'ghandiex eccezzjoni valida x'taghti kontra din l-azzjoni u ghalhekk jezistu l-*

*elementi kollha rikjesti mill-ligi sabiex it-talbiet tas-socjeta' attrici jigu decizi bid-dispensa tas-smiegh a tenur tal-artikolu 167 tal-Kodici Tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12);*

*Ghaldaqstant is-socjeta' attrici rikorrenti titlob bir-rispett lil din L-Onorabbli Qorti*

*(1) Tghaddi ghas-sentenza bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza a tenur tal-artikolu 167 tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili; u*

*(2) Tikkundanna lis-socjeta konvenuta intimata thallas lis-socjeta attrici rikorrenti s-somma minnha dovuta ta' disgha u erbghin elf mija u tlieta u tletin Ewro u sebgha u ghoxrin centezmu (€49,133.27) liema somma tirraprezenta bilanc mhux imhallas minn prezz ta' kera u servizzi.*

*Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-8 ta' Jannar 2016 u tal-mandat ta' sekwestru kontestwali u bl-imghaxijiet legali mid-data ta' kull fattura kontra s-socjeta konvenuta intimata li hi minn issa ngunta ghas-subizzjoni."*

Rat illi l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u l-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat illi s-socjeta intimata baqghet kontumaci u meta ssejhet il-kawza fl-udjenza tal-llum u fl-udjenza tas-27 ta' Gunju 2016, ma dehritx;

Rat l-Artikoli 167 et seq tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta'Malta;

**Ikkonsidrat;**

Il-Qorti rat illi minkejja li ls-socjeta' intimata giet debitament notifikati permezz tal-procedura tal-affissjoni u publikazzjoni hija qatt ma dehret quddiem din il-Qorti sabiex tirrispondi ghat-talbiet tas-socjeta rikorrenti;

Rat illi l-Avukat difensur tas-socjeta' attrici ikkonferma bil-gurament illi mid-data tal-prezentata tar-rikors promotur u matul il-mori tal-kawza ma sarux pagamenti mis-socjeta' intimata u ghalhekk l-ammont mitlub fir-rikors promotorju ghadu kollu dovut;

Peress illi fic-cirkostanzi t-talba kif dedotta fic-citazzjoni tidher gustifikata u jidher ukoll li hemm lok li s-sentenza tinghata bid-dispenza tas-smiegh tal-kawza skond il-procedura tal-Artikolu 167 et. sequitur tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili.

**Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talbiet dedotti fir-Rikors Promotur jirrizultaw ippruvati, l-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi :**

Tilqa' t-talbiet tas-socjeta rikorrenti bid-dispenza tas-smiegh ai termini tal-Artikolu 167 et seq tal-Kapitolu 12 u;

Tikkundanna lis-socjeta ntimata thallas lis-socjeta rikorrenti s-somma ta' disgha u erbghin elf, mija u tlieta u tletin Ewro u sebgha u ghoxrin centezmu (€49,133.27), bl-imghax legali dekoribbli mid-data tan-notifika tar-rikors guramentat.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta ntimata.

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**